# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 63/K9/24**

Data tal-laqgħa: 16 ta' Jannar 2024

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula
Sean Gauci – Kunsillier
Victor Vella – Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Martin Sultana - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (3)**

Adrian Domenic Ellul - Il-Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

63.1.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul, il-Kunsilliera Patricia Camilleri u l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbu li jiġu skużati għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**63.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

63.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 62/K9/23.

63.2.02 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti.

63.2.03 Il-Kunsillier Sean Gauci pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 62/K9/23.

63.2.04 Il-Kunsillier John Agius ssekondah fl-approvazzjoni tagħhom.

63.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**63.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

63.3.01 Ġnien Spinola – id-deċiżjoni ittieħdet fi Triq Paceville u x-xogħolijiet li għandhom isiru fuq Ġnien Spinola dawn mhux ser jibdew flimkien. Kien hemm laqgħa *onsite* fejn ġie diskuss kif ser jitqassam il-proġett tat-triq. Bħala xogħolijiet f'din it-triq huma estimati li jitlestew sa' Ottubru 2024. Il-ħsieb li jibdew ix-xogħolijiet fuq Ġnien Spinola huwa estimat li jibda f'Jannar 2025.

63.3.02 Sar meeting mal-Ministru Aaron Farrugia u l-Perit Antoinette Conti fejn gie diskuss it-traffic management ta' Paceville. Ser ikunu qed jiddiskutu bejnithom u jerġgħu jkelmuna lura.

63.3.03 Saret laqgħa mas-Sur Ramon Deguara d-Direttur tal-Cleansing Service Department fejn dawn investew f'apparati ġodda fosthom sweeper ta' l-elettriku li ser ikun qed jintuża mill-promenade ta' San Ġiljan sa' Ta' Xbiex. L-*isweepers* ħa jkun hemm wahda dedikata għal Paceville, oħra għal San Ġiljan u oħra għal Tas-Sliema. Is-Sur Deguara talab lill-Kunsill sabiex insibu post addekwat sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu ċċarġjati, min-naħa tal-Kunsill spjegajna li diġa avviċinajna lill-Ecabs u offra post. Is-Sur Philip Fenech spjega li huwa diġa tkellem ma' Mercury Towers u lest li joffri post ukoll min-naħa tiegħu. Is-Sur Ramon Deguara spjega li l-isweeper irid

jkollha charging pillar, aħna ssuġerejna li din għandha ssir ġewwa d-Daħla tat-Tigulio.

63.3.04 Id-draft agreement tal-proġett ta' Pawlu Xuereb irċivejniħ Iċ-Ċermen spjega x'ser ikun qiegħed inkluż f' dan id-draft agreement fosthom: manutenzjoni fuq sinjali u *line markings* tat-toroq, manutenzjoni ta' bankini u toroq, manutenzjoni fuq belishia lights, manutenzjoni fis-*soft areas*, titjib tal-ġonna pubbliċi, titjieb tal-promenade fosthom tibdil ta' bins, bankijiet u dwal, titjib tal-core area ġol-lokalita', tħawwil ta' siġar u fjuri mal-lokalita', titjib fil-latrini pubbliċi, organiżazzjoni ta' avvenimenti kulturali, għajnuna lill-NGO's tal-lokalita', manutenzjoni fuq postijiet kulturali, attivitajiet għal anzjani, tindif generali wara attivitajiet, kif ukoll meta napplikaw għal skema u l-Kunsill huwa obbligat li joħroġ il-persentaġġ min-naħa tiegħu, dawn ser ikunu qed jitħalsu wkoll minn hemmhekk, ser jitħallas il-vann tal-Kunsill, kif ukoll xi għodda li ser jiġu bżonn il-ħaddiema tal-Kunsill. Dan id-draft agreement ser jiġi ffirmat u jintbagħat lill-Planning Authority, u jekk dawn ma jsibux oġġezzjoni nkunu nistgħu nibdew nagħmlu dawn il-proġetti.

63.3.05 Clinic ġewwa San Ġiljan – is-Sibt li għadda saret laqgħa mal-project manager u l-kuntratturi fejn dawn għandhom jgħatu l-istimi tagħhom s'għada. Jekk ikun hemm qbil, ix-xogħolijiet jibdew min-nhar it-Tnejn li ġej. Il-Kunsillier Victor Vella ssuġerixxa li għandu parkeġġ riservat quddiem il-clinic meta dan jiftaħ.

63.3.06 Defibrillators - Fl-4 ta' Frar 2024 ser titwaħħal l-ewwel defibrillator ġewwa l-Balluta fl-10.00a.m. Il-Kunsill ser ikun qiegħed ukoll jibgħat ittra sabiex jistidnu lill-ħwienet tal-viċinanzi.

63.3.07 Id-dawl ta' Xatt is-Sajjieda in-naħa tal-Banis inbiddel kollhu.

63.3.08 Ser tkun qed issir laqgħa mal-Foundation for Tourism Zone Development nhar il-Ġimgħa 19 ta' Jannar 2024 fit-3.00p.m. dwar proġetti li jistgħu jsiru magħhom. Ser inkunu qed nitkellmu magħhom ukoll dwar id-dawl tal-promenade sal-Knisja tal-Karmnu l-Balluta.

63.3.09 Skema SPI-SCI-1-2024 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025. Din ser tkun qed tintbgħat lill-Kunsillier u jekk għandhom suġġerimenti dawn għandhom jintbgħatu. Iċ-Ċermen spjega li hu għandu xi postijiet li jistgħu jiġu restawrati.

63.3.10 Talba mingħand Spinola Band Club għal *no objection* sabiex jitella' programm ta' marċi brijużi nhar is-Sibt 27 ta' Jannar 2024. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li din issir.

63.3.11 SPI-SCI-06-2023 – Korsijiet Lifelong Learning 2024 – 2025. Il-Kunsill qabel li napplikaw għal kors.

63.3.12 Ser tkun qed tintbagħat ittra lill-Infrastructure Malta dwar culvert li għandha ssir sabiex jiġi evitat xi incident fi Triq Birkirkara taħt il-bridge.

63.3.13 Intbagħatet ittra lill-kuntrattur sabiex jitwaħħal il-ħġieġ li kellu jitwaħħal ġewwa Triq il-Kbira sabiex dan il-proġett jitlesta. Il-Kunsill ivverifika mal-Perit ukoll. Għandhom isiru *railings* mat-taraġ ta' l-istess proġett.

63.3.14 Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-kuntrattur li kien qed jaħdem ġewwa Wesgħet Agostino Savelli minħabba l-ħsara li saret lit-triq u qed jidħol l-ilma lir-residenti.

63.3.15 Iċ-Ċermen spjega li min-naħa Infrastructure Malta ser tkun qed tagħmel l-aħħar parti li fadal mhux asfaltata ta' Telgħet Birkirkara u din ser tkun qed issir bil-bankini b'kollox. Din ser tkun qed issir mill-ispejjez ta' Infrastructure Malta.

**63.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

63.4.01 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula spjega li fil-laqgħa ta' qabel intqal li hu mhux qed jattendi l-laqgħat tal-Kunsill, huwa spjega u xtaq jagħmila ċara li hu ma setax jattendi għal laqgħa preċendi minħabba li kellu xi impenji oħra relatati max-xogħol tiegħu.

63.4.02 Iċ-Ċermen spjega lill-Kunsillier John Agius dwar il-barriers, iċ-Ċermen spjega li ċempel lill-kuntrattur ikkonċernat u qallu li ser ikun qed jwaħħal reklami fuqhom.

63.4.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa dwar l-arbli ta' l-injam li jridu jinqalaw ġewwa Triq Lapsi kwazi ħdejn il-kulleġġ ta' l-Għarab.

**63.5 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

63.5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6078 sa 6092. (Ara Appendiċi 'A').

63.5.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**63.6 Skeda tal-Pagamenti**

63.6.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi ‘B‘)

63.6.02 Il-Kunsillier Sean Gauci ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

62.6.03 Il-Kunsillier Victor Vella ssekondah fl-approvazzjoni.

**63.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

63.7.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa nhar it-Tlieta 20 ta’ Frar 2024 fil-laqgħa 5.00p.m.

63.7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Malcolm Agius**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 20 ta’ Frar 2024**